**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Kawża Numru: 5386/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**Mourad Khalif**
**(Detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0117818(A))**

**Illum, 28 ta' Lulju 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Mourad Khalif** ta' 45 sena, imwieled il-Libja, nhar il-15 ta' Mejju 1978, mingħajr indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0117818(A);

**Akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda**:

1. **Nhar it-22 ta' Lulju 2023, għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħodu u/jew fil-ħinijiet ta' qabel, ġewwa l-Belt Valletta**, ikkometta serq sempliċi għad-detriment ta' Josianne Spiteri u/jew persuni jew entitajiet oħra;

2. **U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi**, kellu fil-pussess tiegħu strument li jaqta' u bil-ponta (mus) mingħajr liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;

3. **U aktar talli nhar is-17 ta' Lulju 2023, għall-ħabta tal-għaxra u għoxrin ta' filgħodu u/jew fil-ħinijiet ta' qabel, ġewwa l-Belt, Valletta** kkommetta serq sempliċi, għad-detriment ta' Carmen Hassanin u/jew persuni jew entitajiet oħra;

4. **U aktar talli nhar l-4 ta' Lulju 2023, għall-ħabta tal-ħamsa u għoxrin ta' filgħaxija u/jew fil-ħinijiet ta' qabel, ġewwa l-Belt, Valletta,** ikkommetta serq sempliċi, għad-detriment ta' Carmen Hassanin u/jew persuni jew entitajiet oħra;

5. **U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi**, għex ħajja ta' għażż u vagabondaġġ;

6. **U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi**, ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, liema sentenza ngħatat mill-Maġistrat Dr. A. M. Grima nhar l-1 ta' Diċembru 2022, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

7. **U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi**, ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, liema sentenza ngħatat mill-Maġistrat Dr. C. F. Frendo nhar it-23 ta' Jannar 2020, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

8. **U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi**, irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 *et seq* tal-Kodiċi Kriminali, b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi sarue definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti;

Rat illi l-imputat **Mourad Khalif** wieġeb illi huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni huwa kkonfermaha, wara li ai termini tal-Artikolu

453(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jaħsibha u jerġa' lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat **Mourad Khalif** għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u dan fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, b'dan illi in kwantu t-tmien imputazzjoni, minkejja tali ammissjoni, qed issibu ħati biss tal-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali u mhux tal-Artikoli 50 u 289 tal-istess Kodiċi u dan għas-segwenti raġunijiet:

Mill-fedina penali tal-imputat tirriżulta biss kundanna waħda ossia dik permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo, tat-23 ta' Jannar 2020, vera kopja ta' liema sentenza ġiet esebita mill-Prosekuzzjoni bħala Dok. KP 3. Permezz ta' din is-sentenza, l-imputat instab ħati *inter alia* ta' serq aggravat u ġie kkundannat għall-piena ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar priġunerija sospiżi għal erba' (4) snin. In oltre mill-vera kopja tas-sentenza esebita mill-Prosekuzzjoni bħala Dok. KP 2, liema sentenza ngħatat minn din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Maġistrat Dr. Astrid May Grima nhar l-1 ta' Diċembru 2022, jirriżulta illi permezz tal-istess sentenza, l-imputat instab ħati ta' diversi reati, fosthom serq sempliċi u tentattiv ta' serq sempliċi, u ġie kkundannat għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija sospiżi għall-perjodu ta' tliet (3) snin.

Dan ifisser illi fil-jiem mertu tar-reati li bihom l-imputat jinsab mixli (inkluż illum stess), it-terminu operattiv tal-sentenzi sospiżi kien għadu għaddej.

<u>L-Artikolu 28A(5A) tal-Kodiċi Kriminali</u> jgħid hekk:

> Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28F, il-piena mogħtija f'sentenza sospiża meta dik is-sentenza ma tkunx daħlet fis-seħħ għandha, għall-finijiet tal-artikolu 50, titqies li tkun ġiet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv oriġinali msemmi fis-subartikolu (1) jew tal-perjodu operattiv magħmul minfloku kif provdut fl-artikolu 28B(2)(b).

In oltre l-Artikolu 28F tal-istess Kodiċi jaqra hekk:

> Meta l-qorti tkun qegħda tittratta ma' ħati dwar reat, li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, hija għandha tqisu bħala reċidiv fit-tifsir tal-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jistħoqq għal dak ir-reat l-ieħor, iżda l-piena mogħtija fis-sentenza sospiża ma għandhiex titqies għall-finijiet tal-artikolu 50 ħlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet isseħħ u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew maħfura.

Għaldaqstant, la darba l-perjodu operattiv tal-imsemmija sentenzi sospiżi, kien għadu għaddej fiż-żmien li ġew kommessi r-reati mertu tal-każ odjern, il-Qorti tista' biss tqis lill-imputat bħala reċidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali. Fil-fehma tal-Qorti dak li japplika fir-rigward tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, li bis-saħħa tiegħu, il-Qorti tista' żżid il-piena bi grad, japplika *multo magis* fir-rigward tal-Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali, li f'każ tat-tieni kundanna, jagħti diskrezzjoni lill-Qorti sabiex iżżid il-piena bi grad jew tnejn, u f'każ tat-tielet kundanna, b'żewġ gradi jew tlieta.

Għall-fini ta' piena dwar ir-rimanenti imputazzjonijiet li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputat, li kif ingħad tikkonsisti f'kundanna dwar serq aggravat, kif ukoll ħsara volontarja, reati taħt il-Kap. 65 u 104 tal-Liġijiet ta' Malta u reat kontravvenzjonali, dwar liema huwa ġie kkundannat għas-sentenza ta' priġunerija sospiża mertu tas-seba' imputazzjoni. Tqis in oltre illi b'sentenza oħra tal-1 ta' Diċembru 2022, li kif ingħad, vera kopja tagħha ġiet esebita fl-atti proċesswali, l-imputat ġie kkundannat għall-piena ta' sitt xhur priġunerija sospiżi għal tliet snin u dan wara li nstab ħati ta' ħsara volontarja, serq sempliċi u tentattiv ta' serq sempliċi. Din hija s-sentenza mertu tas-sitt imputazzjoni.

Qed tqis in oltre għall-fini ta' piena, in-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, u ċ-ċirkostanzi tal-każ inkluż l-valur tar-*res furtiva*, kif ukoll illi minkejja li jidher li l-imputat ingħata żewġ opportunitajiet, waħda minnhom riċenti ferm f'Diċembru 2022, f'każijiet fejn ukoll instab ħati ta' serq, billi kull darba ngħata sentenza ta' priġunerija sospiża, jidher illi l-istess imputat ma tgħallem xejn minn dan kollu, u reġa' għat-tielet darba wettaq reati ta' serq, mertu tal-każ tal-lum. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-Qorti jidhirlha illi m'għandhiex għażla għajr illi ġġib fis-seħħ is-sentenzi ta' din il-Qorti tat-23 ta' Jannar 2020 u tal-1 ta' Diċembru 2022.

Qed tqis ukoll mill-banda l-oħra, dak sottomess mill-Prosekuzzjoni, u dan fis-sens illi l-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha, kif ukoll l-ammissjoni fl-iżjed stadju bikri f'dawn il-proċeduri.

Għall-fini ta' piena dwar ir-reati mertu tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, il-Qorti qed tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-istess Kodiċi. Qegħda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(d) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu l-ħames imputazzjoni. In oltre fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28E(5) tal-Kodiċi Kriminali, qed tnaqqas il-piena ta' priġunerija erogata bis-sentenza ta' din il-Qorti kif diversement preseduta tal-1 ta' Diċembru 2022 fil-konfront tal-imputat odjern, billi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali, minflok sitt xhur priġunerija, il-piena qed titnaqqas għal tliet xhur priġunerija.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17(b), 17(d), 18, 28B(1), 28E(5), 49, 284, 285 u 338(w) tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Mourad Khalif** mhux ħati ta' dik il-parti tat-tmien imputazzjoni li tikkontempla r-reċidiva taħt l-Artikoli 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali u tilliberah minn din il-parti tat-tmien imputazzjoni, filwaqt illi fuq ammissjoni, qed issibu ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba' imputazzjoni u dik il-parti tat-tmien imputazzjoni li tirreferi għar-reċidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għall-piena ta' **tlett (3) xhur priġunerija effettiva** – mil-liema għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat inżamm taħt arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dan il-każ - u piena ta' **multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsa u għoxrin ewro (€25), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

In oltre, tordna li s-sentenza sospiża fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Stacy Attard) vs Mourad Khalif' mogħtija minn din il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo nhar it-23 ta' Jannar 2020, u li permezz tagħha l-imputat ġie kkundannat għall-**piena ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar priġunerija** sospiżi għal perjodu ta' erba' snin, għandha tibda sseħħ.

Tordna wkoll illi s-sentenza sospiża fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Kevin Pulis) vs Mourad Khalif' mogħtija minn din il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Astrid

May Grima nhar l-1 ta' Diċembru 2022, u li permezz tagħha l-imputat ġie kkundannat għall-piena ta' sitt xhur priġunerija sospiżi għall-perjodu ta' tliet snin, ukoll tibda sseħħ, b'dan illi minflok piena ta' sitt xhur priġunerija, għar-raġunijiet fuq spjegati, il-Qorti qed tnaqqas din il-piena għall-piena ta' **tliet (3) xhur priġunerija**.

Ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska ta' Dok. KP 8.

Stante li ma nħatrux esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**Natasha Galea Sciberras**
**Maġistrat**

**Oriana Deguara**
**Deputat Reġistratur**